KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

7/6

**Is-Sitt (6) laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju, 2015 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Edwin Vassallo | - | Sindku |
| | Is-Sur Ivan Bartolo | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Alexander Muscat | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Keith Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Busuttil | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Gatt | - | Kunsillier |
| | Dott Angele Rapa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Gatt | - | Kunsillier |
| | Is-Sa Maria Pia Bonnici | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mark Micallef | - | Kunsilier |
| | Is-Sur Mario Sammut | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Karl John Tanti | - | Kunsillier |
| | Is-Sur James Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużati:** | Dott. Rachel Tua | | |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-Ħames Laqgħa
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza/Proposti
5. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-7.40 p.m. ta' filgħaxija.

## 1. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħames

Il-minuti tal-ħames (5) tal-Laqgħa li saret Nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2015 ġew approvati b'mod unanimament.

**3. Affarijiet li jiqajjmu mil-minuti**

**3a)** Fuq is-shooting range is-Sindku nforma lill-membri li se jressaq proposta għad-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss minħabba il-fatt li fl-aħħar komunikazzjoni telefonika li kellu ma Frans Pace . Jirriżulta li l-investituri ma kellhomx pjan sabiex jagħmlu laqgħa lill-pubbliku kif kien mitlub mill-Kunsill Lokali Mosta.

Is-Sindku ħabbar ukoll li llum Tlieta 30 ta' Ġunju 2015 kien irċieva telefonata mingħand l-investituri sabiex jagħmlu laqgħa miegħu. Liema laqgħa ser ssir Sibt 4 ta' Lulju 2015 wara nofsinhar fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

Is-Sur Alex Muscat irrimarka u għaraf lill-membri kollha tal-Kusnill li llum 30 ta' Ġunju 2015 kienet ħarġet stqarrija fuq is-sit elettroniku tal-facebook lill-investituri ser jitkellmu fuq il-pjan li għandhom marbut mas-shooting range . Il-membri qablu unanimament

**Il-Kunsillier Keith Cassar ġie skużat temporanjament fit-8p.m. mill-laqgħa minħabba li kellu laqgħa oħra.**

**8.45 p.m. Il-Kunsillier Keith Cassar rega' daħal għal kumplament tal-laqgħa.**
**8.50 p.m. Il-Kunsillier James Cassar ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa .**
**8.50 p.m. Il-Kunsillier Mark Micallef ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.**
**9.20 p.m. Il-Kunsillier Maria Pia Bonnici ġiet skużata għall-kumplament tal-laqgħa.**
**9.25 p.m. Il-Kunsillier Joe Gatt ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.**

**4. Korrispondenza / Proposti ta Ħidma**

Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li kif kien stipulat fir-rapport li sar mill-awdituri u kif wkoll kif il-laqgħa li saret mill-Accountant tal-Kunsill tas-Sur Daniel Galea. Il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jagħmel proġetti kapitali jew proġetti oħra minħabba il-qagħda finanzjarju li jinsab fiha . Għaldaqstant uħud mill-proposti li qed ikun ppreżentat ma jistgħux isiru minħabba li l-ewwel irridu jitħallsu l-kontijiet pendenti li għandu l-Kunsill.

Is-Sindku qal lill-membri li dawn il-proposti qed issiru biex l-Kunsill juri li għandu direzzjoni lill fejn irid iwassal lil Mosta biss jekk ikun hemm mezzi biex isiru. Is-Sindku kompla jgħid li dawn il-proposti jkunu jistgħa jsir skond il-mezzi finanzjarji li jkollu l-Kunsill.

Il-membri qablu unanimament.

KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

1) **Fuq Proposta Nru 1 - Funtani tal-Pjazza Rotunda**

Il-Kunsill ippropona illi tinkiteb ittra lil Transport Malta minħabba l-fatt il-Pjazza Rotunda hija Triq arterjali u għaldaqstant taqa' taħt Transport Malta.

2) **Fuq Proposta Nru 2 – Manutenzjoni –Manholes u Spralli fi Triq il-Kbira.**

Is-Sindku ippropona li isiru biss kemm il-darba jkonna mezzi biex isiru. Il-membri qablu b'mod unanimu.

3) **Fuq Proposta Nru 3 – Manutenzjoni u tindif tal-paviment ta' Pjazza Rotunda**

Din il-proposta kien hemm qbil unanimu mill-membri tal-Kunsill.

4) **Fuq Proposta Nru 4 – Qasam Edukattiv- Taħdidiet fuq il-playing field ta' Mlit**

Il-membri qablu unanimament Il-Kunsill ippropona sabiex intejbu sitwazzjoni tal-ground.

5) **Fuq proposta nru 5 – Bidla fil-Ħin tal-Ġbir tal-Isart fil-Borża Sewda**

Is-Sindku nforma lill-membri li diġa bdew diskussjonijiet tal-iskart minflok fis-7.30 p.m. il-ġbir minn ħdejn l-iskola għandu jsir wara 8.15 a.m. u fit-Triq il-Kungress Ewkaristiku u Triq il-Kostituzzjoni wara 9.30 a.m. Il-membri qablu unanimament.

6) **Fuq proposta nru 6 – Bankini ġodda**

Il-membri qablu b'mod unanimu sabiex :

- Parti mill-bankina fiq iż-żewġ naħat ta' Triq id-Dawr , u senjatament fejn hemm Djar ta' Lanzjani tal-Gvern tkompli sal-kantuniera li twassal sa Vjal l-Indipendenza.
- Parti mill-bankina ta' Triq Ġlormu Cassar , u senjatament quddiem il-Pax et Bonum.
- Parti mill-bankina fuq iż-żewġ naħat ta' Triq l-Isperanza , u senjatament mill-Kappella tal-Isperanza sa Triq il-Kbira.
- Il-Bankina minn Triq Wied is-Sir sa Triq il-Kbira.

7) **Fuq Proposta Nru 7 – Qasam Soċjali – Servizz ta' Social Worker**

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu sabiex il-Kunsill japplika għal Servizz tas-Social Worker , liema servizz ikun immirat għall-anzjani li jinsabu f'diffikulatjiet.

8) **Fuq Proposta Nru 8 – Bidu ta' tħejjijiet tekniċi għal żewġ proġetti tal-Kunsill**

Il-membri tal-Kunsill qablu fuq dan il-proġett iżda dejjem jiddependi fuq il-finanzi li jkollu l-Kunsill.

9) **Fuq Proposta Nru 9 – Private Public Partnership bejn il-Kommunita' tal-Mosta u l-Privat**

Tintbagħat ittra lid-dipartiment sabiex ikollna linja gwida.

10) **Fuq Proposta Nru 10 – Aktar Sigurta fit-Toroq Tagħna permezz ta' aċċess aħjar – Sitwazzjoni li teżisti fi triq l-Għarusa tal-Mosta**

Il-membri qablu unanimament sabiex idaħħlu u joħorġu l-vetturi tagħhom , speċjalment fil-parti tat-triq li tinsab bejn Triq Cali u Triq Gafa.

11) **Fuq Proposta Nru 11 – Aktar Sigurta fit-Toroq Tagħna permezz ta' aċċess aħjar – One Way Triq il-Barrieri parti minn Triq ir-Rebbiegħa**

Din il-materja ġiet approvata unanimament.

**Korrispondenza Nru 1 –**

**Application from Matthew Xuereb for advertisements on street furniture**

Il-Kunsill approva din l-applikazzjoni . Is-Sinjur irrid jibghatilna dettalji kollha ħalli nkunu nistgħu napplikawlu.

**Korrispondenza Nru 2 –**

**Ittra mis-Sinjura Candice Coppola – Talba għal żieda ta Skala fi Grad ta' Assistent Prinċipal – Skala 11**

Ġie deċiż li l-ewwel għandna nitolbu kjarifika mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex b'hekk is-Sinjura Coppola tkun tista tibbenifika minn dan il-grad.

Il-Kunsill ma jsibx l-ebda oġġezzjoni.

**Korrispondenza Nru 3 –**

**Email mill-Youth Included – Proposal to Mosta Local Council**

Il-Kunsill lest li jgħin iżda mhux finanzjament .

**5. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju 2015 fis-7.30 p.m.

Laqgħa spiċċat fl- 10.35 ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: ~~30[illegible]2015~~ 16/07/2015